# Il-Qima lejn il-Patrijarka San Ġużepp fl-istorja tal-Knisja

L-ewwel qima lejn San Ġużepp insibuha li bdiet fil-monasteri, lejn is-sena 1000. Fl-ewwel 500 sena, il-Knisja għamlet pressjoni qawwija fuq ħwejjeġ dommatiċi. Mis-sena 1000 sa nofs is-sena 1500 bdiet tidher devozzjoni formali bil-festa fil-Liturġija.[1]

Żewġ kittieba kbar medjevali li kitbu fuq San Ġużepp kienu l-Benedittin Rupert ta' Deutz u ċ-Cistercens Bernard ta' Clairvaux.

Għalkemm Rupert ma tkellimx fuq San Ġużepp fi trattat separat, il-kummenti tiegħu fuq in-nobbilta tal-qaddis urew il-għożża li kellu lejH. Rupert mexa fuq l-interpretazzjoni tradizzjonali li għall-ewwel ġiet abbozzata minn Santu Wistin u San Ġirolmu. Fl-ewwel parti tal-kumment ta' Rupert, wieħed jinnota l-interpretazzjoni nġenjuża u allegorika tal-ġeneoloġija ta' Ġużeppi u Ġesu.2

San Bernard juri b'sengħa f'paragun bejn Ġużeppi ta' l-Eġittu u Ġużeppi ta' Nazzaret, paragun li warajh sar ħafna komuni.3

Għalkemm Missirijiet il-Knisja ta' spiss urew kif Ġużeppi tat-Testment il-Qadim kien wera lil Ġesu s-Salvatur tagħna, ġibdu wkoll xebħ sewwa bejn il-virtujiet u s-sejħa tal-patrijarka l-qadim u dawk ta' l-għarus ta' Marija. San Bernard fil-wirja nobbli ta' Ġużeppi huwa hekk sabiħ li l-Knisja għażlet il-kitba tiegħu biex tkun biċċa mill-Uffiċċju Divin għall-festa ta' San Ġużepp. San Bernard kiteb ukoll l-antifona sabiħa li l-Knisja tistieden lis-saċerdoti biex igħiduha bħala tħejjija għall-quddiesa, li hija din: "O Mqaddes Ġużeppi li lilek ġie mogħti li tara lil Alla li ħafna slaten xtaqu jaraw u ma rawħx li tisma' lil Alla u ħafna slaten xtaqu jisimgħuh u ma semgħuhx, mhux biss li tara u tisma', imma li ġġorr tbus, tlibbes u tħarsu!".4

Ugo ta' San Vitor (+1141) wieħed mit-teoloġi ta' żmien l-Iskolastika kien minn ta' quddiem li fetaħ id-diskussjoni dwar il-kwistjoni jekk eżistiex żwieġ veru bejn Marija u Ġużeppi. Il-kwistjoni kienet ġiet maħlula wara ħafna deċiżjonijiet ta' teoloġi kbar lejn is-sena 1200. Dawn neħħew kull dubju li Ġużeppi kien tassew ir-raġel ta' Marija. Huma affirmaw il-verġinita tiegħu u għarfu li l-virtujiet tiegħu kienu mgħaqqda mal-ħarsien ta' l-unur ta' Marija.5

Pietru Lombardu fil-ktieb



tiegħu "Il-Ktieb tas-Sentenzi", mitbugħ madwar is-sena 1150 fir-raba' taqsima fejn hemm opinjonijiet ta' tologi u filosfi, hemm studju dwar San Ġużepp u Marija. Hawn Pietru Lombardu jaqbel ma' Ugo ta' San Vitor u ma' Santu Wistin fejn igħid li l-verġinita ta' xulxin ma fixklitx l-awtentiċita taż-żwieġ tagħhom. L-awtorita kbira tal-ktieb tas-Sentenzi bil-loġika ta' l-argumenti, għenu ħafna biex jitwarrbu l-għajdut ta' Grazjanu, f'"Diġriet" mitbugħ f'Bologna madwar is-sena 1140.



L-influwenza tal-Ktieb tas-Sentenzi kompliet sas-seklu XVI għax kien ktieb teoloġiku magħruf bl-universitajiet medjevali l-opinjonijiet kienu bħal normi fuq x'hiex wieħed jimxi.6

Fl-1200, il-kanonisti kellhom ibiddlu l-idea tagħhom. Roland Bandinellus (+1181) duttur fit-teoloġija f'Bologna ġie magħżul Papa fl-1159 u wara bħala Alessandru III. Huwa qata' ħafna każijiet ta' żwiġijiet fis-sens ta' Pietru Lombardu u kontra Grazjanu. B'konferma uffiċċjali tad-difiża ta' Lombardu dwar il-qdusija taż-żwieġ, il-kanonisti abbandunaw il-fehmiet ta' Grazjanu.7

Fis-seklu XIII l-Anġeliku Duttur San Tumas minn Aquino, poġġa l-awtorita tiegħu favur il-ġenwinita taż-żwieġ bejn Ġużeppi u Marija; l-influwenza ta' San Tumas mhix imċekkna f'din il-materja.8

Mal-ftuħ tas-seklu XV deher Ġwanni Gersone, Kanċellier ta' l-Universita ta' Pariġi li kellu qima kbira lejn San Ġużepp. Gersone kien kiteb "Konsiderazzjonijiet fuq San Ġużepp", "Josephina" (Poema twila bil-Latin fejn turi l-virtujiet u d-dinjita ta' din il-Qaddis). Kiteb ukoll priedka għall-festa tat-Twelid ta' l-Imqaddsa Verġni Marija li kien għamel lill-Missirijiet tal-Konċilju ta' Kostanza fit-8 ta' Settembru tal-1416. F'din il-priedka Gersone ħeġġeġ lill-Konċilju biex jissejjaħ isem San Ġużepp u li jwaqqaflu festa ad unur tiegħu, biex tinkiseb l-għaqda fil-knisja fejn kienet issofri ħafna faxxiżmu tal-punent.

Il-prinċipju fundamentali tal-Kanċillier Gersone kien li San Ġużepp kien tassew ir-raġel ta' Omm Alla.9

Il-Kardinal Pietru d'Ailly li kien ħabib tal-qalb u surmast ta' Gersone kien kiteb trattat fuq it-tnax-il prerogattiva ta' San Ġużepp. Il-fama tal-ktieb ta' d'Ailly kien daħħluhom f'ħafna Uffiċċji tal-festi lokali ta' San Ġużepp. Hekk li ta' min igħid fis-sewwa li Pietru d'Ailly indirettament influwenza l-ewwel il-liturġija tal-Knisja fil-festa ta' San Ġużepp.10

Kontemporanju ieħor ta' Gersone huwa l-Franġiskan San Bernardinu ta' Siena (+1444). Dan il-qaddis kellu devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp. Il-kliem ta' San Bernardinu jaqblu ma' dawk ta' Santu Wistin u ta' San Bernardinu jaqblu ma' dawk ta' Santu Wistin u ta' San Bernard fit-tifħir lejn San Ġużepp. Hekk li siltiet mill-priedki ta' San Bernardinu ġew magħżula mill-Knisja u mdaħħlin fil-lezzjonijiet ta' l-Uffiċċju għas-sħubija u l-kobor tagħhom.11

Fil-bidu tas-seklu XVI il-letteratura fuq San Ġużepp kienet xi ħaġa li tgħaġġbek. Biżżejjed insemmu lid-Dumnikan Isidor De Isolani li fl-1522 ippubblika ktieb bl-isem "Summa tad-Doni ta' San Ġużepp." F'dan il-ktieb insibu studju fuq il-ħajja, il-mewt, u l-glorja ta' San Ġużepp. L-għejjun li minnhom ġabar dan it-tagħrif Isidoru, kienu: Sant' Albertu l-Kbir, San Tumas, u t-tagħlim ta' Gersone u San Bernardinu ta' Siena. Il-ktieb ta' Isidor wera punt tal-bidu tal-qima lejn San Ġużepp.

Xmun minn Cascia, Agostinjan, ktieb ħajja devozzjonali ta' Ġesu msejsa fuq l-Iskrittura Mqaddsa.

Dwar San Ġużepp kiteb: "Ġust skond il-liġi, ġust skond ir-rieda tajba tiegħu, ġust skond l-għemejjel tiegħu, għalih ġiet magħżula Verġni, bħala għarusa u Omm, huwa bħal missier putattiv ta' Kristu."13

Żewġ mistiċi oħra, Santa Gertrude ta' Helfa (1256-1302c) u Santa Briġida (1303-1373) ta' l-Isvezja, fil-kitba bijografika fuq il-Madonna, dawn iż-żewġ mistiċi faħħru wkoll lil San Ġużepp.

Fil-viżjonijiet ta' Santa Gertrude naqraw: "Għall-isem ta' San Ġużepp, l-għarus ta' l-Omm Verġni, il-qaddisin kollha jbaxxu rashom quddiemu, u bil-ħlewwa ta' ħarsithom juru li miegħu jifirħu għad-dinjita għolja tiegħu."14

Santa Briġida tgħid: "Li Marija faħħret lill-għarus tagħha billi serviha, u li qatt ma qalilha kelma mhix sewwa. Għax huwa (San Ġużepp) kien ġwejjed, fqir, jaħdem, umli ħafna, ħelu fis-servizz tiegħu, u jħares dejjem il-verġinita tiegħu u ta' Marija. Kien mejjet għad-dinja u emmen fil-wegħdiet ta' Alla. Huwa dejjem għamel ir-rieda ta' Alla. Hekku għaliex il-glorja tiegħu hija kbira."15

Referenzi:


1. F.L. FILAS S.J., The Man Nearest to Christ. Nature and Historic Devotion to St. Joseph, p.109.
2. L-Istess, Op. Cit., p. 110.
3. Il-Lezzjoni tat-Tieni Notturn għall-Festa Solenni tad-19 ta' Marzu.
4. Lezzjoni Sitta tat-Tieni Notturn tat-Tnejn fost l-Ottava tas-Solennita ta' San Ġużepp. Ara wkoll, it-Talb ta' qabel il-Quddiesa, fil-Missal Ruman.
5. UGO DE S.VICTOR, De B.M. Virginitate. Lib. Epist. Cap 1 (MLP. 176, 857).
6. P. LOMBARDUS, Liber Sententiarum, IV, dist, 26-30.
7. F.L. FILAS S.J., Op. Cit., p.113.
8. S. TUMAS D'AQUINO, Summa Theologica, III Q 29 Art. 2. Ara wkoll, In IV a Sententiarum, dist, 30 Q.2 Art. 2
9. GERSONE, Considerations Sur S. Joseph u Sermo In Nativatatem B.M.V.
10. PETRUS ALLIACUS, Tractatus de Duodecim Honoribus S. Joseph.
11. S. BERNARDINU, Il-Lezzjonijiet tat-Tieni Notturn ta' l-Uffiċċju għas-Solennita ta' San Ġużepp.
12. ISIDOR DE ISOLANI O.P., Summa de Donis S. Joseph, III.6. u III.8.
13. Liber Venerabilis Fratris Simonis De cascia Ord. Fr. Eremit. S. Ausut. Super Totum Corpus Evangelium. (Basiliae: 1527. Liber 2, C.16)
14. St. Gertrude of Helfa, Revelation, Bk. IV, chapter 21.
15. St. Bridget of Sweden, Bk VI, chapter 59.


# Xieraq li kulħadd jieħu sehem fil-Festi tal-Knisja